## Ħlasijiet

M'hemmx ħlas sabiex wieħed jinkiteb mas-sistema *online* tar-Reġistru tal-Kumpanniji.

## Servizz ta' Ħlasijiet Elettroniċi

Is-sistema *online* tar-Reġistru tal-Kumpanniji, tiprovdi ukoll faċilitajiet għall-ħlasijiet elettronici li għandhom x'jaqsmu ma' kumpanniji godda, prospetti u servizzi oħra. Is-sistema tiggwida lil min juza biex isir ħlas mit-*Top Up Account* u permezz ta'karti ta' debitu u kreditu l-aktar uzati.

Li tibgħat formuli elettronikament, hu mod fdat u li tista torbot fuqu ta' kif tista' tibgħat id-dokumenti tal-kumpannija. Dan is-servizz li huwa aċċessibli kullħin, joffri lil min jużah il-ħin u l-konvenjenza biex jintbgħatu dokumenti lil Registru tal- Kumpanniji.

Dan it-titjib elettroniku huwa parti mill-ħidma ta' l-MFSA biex ittejjeb is-servizz li toffri lill-pubbliku u biex tassigura aktar effiċenzja fis-settur finanzjarju.



*Għal aktar informazzjoni dwar dawn is-servizzi għażel "Online Filing Information" minn fuq il-menu li jinsab fuq*

*http://registry.mfsa.com.mt*

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**Reġistru tal-Kumpanniji**
**Awtorità għas-Sevizzi Finanzjarji**
**Triq Notabile,**
**Attard, BKR 3000**
**Tel: (00356) 21 44 11 55**
**http://registry.mfsa.com.mt**

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY



# Reġistru tal-Kumpanniji: Servizz *Online* għar-reġistrazzjonijiet u u depositi ta' dokumenti

www.mfsa.com.mt

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji qiegħda toffri servizz fuq l-*Internet* sabiex jipprovidi lil dawk imħarrġa u lil pubbliku, sistema *online* li hija fdata u li tista torbot fuqa ta' kif tista' tirreġistra kumpanniji ġodda kif ukoll tibgħat dokumenti tal-kumpannija. Wieħed jista jsib dan is-servizz fuq il-*website* tar-Reġistru tal-Kumpanniji fuq http://registry.mfsa.com.mt

**Is-servizzi huma dawn li gejjin:**

- Jistgħu jintbagħtu elettronikament billi tintuża firma elettronika avvanzata:
  - Memoranda u Artikoli ta' l-Assoċjazzjoni
  - Prospetti annwali
  - Formola K (Notifika dwar tibdil ta' diretturi, segretarju jew fir-rappreżentanza tal-kumpannija)
  - Formola T (Notifika dwar trasferiment ta' assi)
  - Formola Q (Notifika dwar tibdil tal-uffiċċju reġistrat ta' kumpannija)
- Ħlasijiet elettronici ta' reġistrazzjonijiet ta' kumpanniji ġodda u ta' prospetti
- Tfittiex bla ħlas, fuq isem ta' kumpannija
- Tirriżerva isem ta' kumpannija

**Biex wieħed juża din is-sistema u jibgħat dokumenti elettronici irid jimxi kif se jigi spjegat:**

## L-EWWEL PASS

### Irreġistra bħala "Persuna Awtorizzata" għas-sistema *online*.

Jekk inti qatt ma użajt dan is-Servizz ta' Registrazzjoni *online*, żur il-*website* tar-Reġistru tal-Kumpanniji fuq http://registry.mfsa.com.mt u irreġistra bħala persuna awtorizzata. L-applikazzjoni għar-reġistrar bħala persuna awtorizzata ġdida, tista' tintbghat elettronikamnet billi tagħzel "New User Registration" u ssegwi dak mitlub minnek.

Kif jircevi l-applikazzjoni, ir-Registru tal-Kumpannji jibgħatlek permezz ta' l-*e-mail*, kopja tal-ftehim għal firma. Ir-registrazzjoni tkun seħħet la darba li l-ftehim iffirmat jiġi mwassal għand ir-Reġistru tal-Kumpanniji.

## IT-TIENI PASS

### Biex ikollok firma elettronika

Biex wieħed jibda jibgħat dokumenti b'firma elettronika, wieħed irrid ikollu ċertifikat diġitali personali, li hu magħruf mil-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) . Għal dan il-għan, il-*website* tar-Reġistru tal-Kumpanniji jipprovdi konessjoni (*link*) mal- MCA. Wieħed jista' ukoll imur mill-ewwel fuq

https://www.mygov.mt/PORTAL/webforms/howdoigetaccesstomygov.aspx

Ladarba jkollu ċ-ċertifikat diġitali mingħand l-MCA, wieħed għandu jkompli sabiex jirreġistra ċ-ċertifikat diġitali mar-Reġistru tal-Kumpanniji. Dan jista jsir billi tgħażel "*register certificate*" mill-*menu* tas-sistema *online* tar-Registru tal-Kumpanniji. Biex wieħed joħloq u jibgħat il-formoli fuq l-*online* f'isem kumpannija, irid ikun awtorizzat u dan jista jagħmlu minn fuq is-sistema *online* tar-Reġistru tal-Kumpanniji billi jagħżel mill-menu "*Add Link to Company*". Ma din it-talba, wieħed għandu ukoll jibgħat il-kunsens tal-Kumpannija li qieghda tawtorizzah biex jibgħat dokumenti fuq isimha *online*. Dan il-kunsens m'hemmx bżonnu meta il-*user* awtorizzat huwa uffiċjal tal-kumpannija. Ladarba jiġi approvat il-*user* awtorizzat jista' jibgħat *online* dokumenti indikati mis-sistema *online* tar-Reġistru tal-Kumpanniji.

Hu mitlub li jiġu segwiti l-istruzzjonijiet mogħtija taħt "Online Filing Information" fil-*website* tar-Reġistru tal-Kumpanniji.

Diretturi jew segretarji ta' kumpanniji li jixtiequ jiffirmaw elettronikament dokumenti, iżda ma jixtiqux ikunu awtorizzati huma stess, u jippreferu li jużaw is-servizzi ta' min hu mħarreġ, jistgħu jirreġistraw biss bħala firmatarju (*Signature only user*).

## IT-TIELET PASS

### Ibda ibgħat *online* id-dokumenti tal-kumpannija tiegħek.

Jekk kif wieħed jiġi approvat mir-Reġistru tal-Kumpanniji bħala *User* awtorizzat, wieħed jista jibda jiffirma u jibgħat elettronikament dawk id-dokumenti li jinsabu f'dan is-servizz. Wieħed m'għandux għalfejn isegwi it-tieni u t-tielet pass hawn fuq imsemmija, kull darba li jrid jibgħat elettronikament xi dokument.

- **Biex tirregistra *online* il-*Memoranda* u Artikoli ta' l-Assocjazzjoni Kumpannija:** Għażel "Company Registration" taħt "Online Filing" u kompli segwi kif mitlub mis-sistema.

- **Biex tibgħat *online* il-Prospett tal-kumpannija:** Fil-*menu* tas-sistema, għażel "Online Filing", għażel il-kumpannija li tinħtieġ din il-formola u segwi kif mitlub mis-sistema.

- **Biex tibgħat *online* formoli ohra:** għażel il-formola li tinħtieġ u segwi kif mitlub mis-sistema